30 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Grazia Cutajar et. *versus* Salvatore Bonnici *

**Lokazzjoni — Raba' — Sullokazzjoni — Ilma — Servitù — Appell — Valur — Kompetenza — Art. 754(2), 748 u 775 tal-Kap. 15**

*Jekk gabillott jissullqka biċċa mir-raba' mikri, għandu lil gabillott ieħor, u hekk iż-żewġ gabillotti tqum kwistjoni jekk is-sullokazzjoni tikkomprendix id-dritt tas-subkonduttur li jieħu l-ilma minn ġiebja li hemm fir-raba' tal-gabillott sullokatur din il-kwistjoni hija tali li, għall-finijiet tal-kompetenza "ratione valoris" ma għandux x'jaqsam l-ammont tal-kera li s-subinkwilin iħallas tal-biċċa sullokata lilu, kif lanqas l-ammont tal-qbiela li l-inkwilin iħallas lis-sid għall-għalqa kollha li minnha hu kkonċeda biċċa in sullokazzjoni lill-gabillott l-ieħor.*

*Lodarba il-fond tal-gabillott wieħed u dak tal-gabillott l-ieħor fejn hemm il-ġiebja, huma t-tnejn bi qbiela, mhux il-każ ta' servitù reali jew predjali, imma każ ta' servitù personali, ossija dritt ta' obligazzjoni. U*

Deċiża fil-meritu fit-18 ta' Mejju 1957 (Appell Inferjuri).

*l-obligazzjoni tal-gabillott li jagħti l-ilma mill-fond tiegħu lill-gabillott sullokatarju hija dottrinalment vendita tal-ilma.*

*Ladarba l-kontestazzjoni tkun dwar l-eżistenza tal-obligazzjoni dwar l-ilma, il-valur hu dak tal-obligazzjoni stess; u jekk ma tistgħax issir stima ta' din l-obligazzjoni, allura l-valur huwa indeterminat; u meta z-żmien tas-sullokazzjoni mhux stabbilit, il-valur jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, għax mhux prevedibbli kemm jista' jkun il-valur tal-ilma mogħti f'perijodu futur li mhux konoxxut.*

*Għaldaqstant, il-Qorti Inferjuri hija inkompetenti "ratione materiae" biex tieħu konjizzjoni ta' kwistjoni simili, ukoll jekk b'dan kollu dik il-Qorti tkun ħadet konjizzjoni u ddeċediet il-kwistjoni fil-meritu tagħha, is-sentenza hekk mogħtija hija appellabbli in kwantu għall-valur; u fl-appell ma tistgħax tiġi aktar sollevata l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, la "ex officio" u lanqas "ope exceptionis".*

Il-Qorti;—Rat l-avviż tal-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talbu li jiġi dikjarat minn din il-Qorti li l-lokazzjoni tal-għalqa msejħa "Ix-Xagħra", imqabbla mill-konvenut lill-atturi, tikkomprendi d-dritt illi l-inkwilin jieħu l-ilma mill-ġiebja; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja, u bl-inġunzjoni lill-konvenut għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Frar 1957, li biha, previja adozzjoni tal-motivi kontenuti fil-perizja legali, iddeċediet billi laqgħet it-talba tal-atturi u ddikjarat li l-lokazzjoni tal-għalqa msejħa "Ix-Xagħra", imqabbla mill-konvenut lill-atturi, tikkomprendi d-dritt illi l-inkwilin jieħu l-ilma mill-ġiebja; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenut appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-incident tal-inappellabilità;

Ikkunsidrat;

Hu faċili li wieħed jifhem li l-meritu ta' din il-kawża ma hux il-lokazzjoni tal-fond rustiku msemmi fl-avviż, f'liema każ il-valur kien ikun regolabbli bid-dispożizzjonijiet relativi (art. 756 et seq. Kap. 15 Ediz. *Riv.*), imma l-meritu hu d-dritt li l-atturi jippretendu li jikkompeti lilhom, ċjoè dak li jieħdu ilma mill-ġiebja tal-fond tal-konvenut. Għalhekk, la l-ammont tal-qbiela li jħallsu l-atturi, u lanqas dak li jħallas il-konvenut għall-għalqa kollha, li biċċa minnha hu kkonċeda lill-atturi, ma għandhom x'jaqsmu biex jirregolaw il-valur għall-finijiet tal-appellabilità;

Issa, f'dan il-każ, peress li l-fond tal-atturi hu bi qbiela minn għand il-konvenut, u peress li l-fond tal-konvenut, fejn hemm il-ġiebja hu anki bi qbiela, għalhekk mhux il-każ ta' servitù reali ossija predjali, imma hu l-każ ta' dik li fil-ġurisprudenza lokali, fuq l-iskorta tad-dottrina in propożitu, issejħet "servitù personali", ossija "dritt ta' obligazzjoni" (Kollez. XXV-II-631; Vol. XXXIII-I-362);

Barra minn hekk, hu risaput li, meta gabillott jobliga ruħu li jagħti ilma mill-fond tiegħu lil gabillott ieħor, dottrinalment din hija vendita tal-ilma (ara Dionisotti, Della Servitù delle Acque", p. 376, fejn jingħad:— "......poichè quando si tratta di concessione d'acqua, vi ha una alienazione di una cosa materiale, di quella determinata quantità d'acqua che si concede......");

Issa, f'dan il-każ il-kontestazzjoni hi dwar l-eżistenza tal-obligazzjoni dwar l-ilma, u l-valur hu dak tal-obligazzjoni stess, skond l-art. 754 (2) Kap. 15;

Issa, din il-biċċa raba' ġiet mogħtija mill-konvenut lill-atturi, li waħda minnhom, l-attriċi, hi bintu, kif esprimew ruħhom huma, b'dota; iżda hu elementari li l-konstituz-

zjoni tad-dota ma tistax issir ħlief b'att publiku (art. 1292 Kap. 23); u għandu għalhekk jingħad li l-att intervenut bejn il-kontendenti kien ta' sullokazzjoni, bil-qbiela ta' 6s. fis-sena. Iż-żmien tas-sullokazzjoni ma ġiex determinat; iżda aktarx li għandu jiġi kunsidrat li din is-sullokazzjoni saret għal dak iż-żmien stess indeterminat li għalieħ l-istess konvenut jibqa' jkollu in lokazzjoni l-għalqa kollha li minnha l-biċċa konċessa tifforma parti. Dan iġib li ma tkunx prattikabbli stima ta' din l-obligazzjoni dwar l-ilma li jippretendu l-atturi, għaliex ma hux prevedibbli kemm jista' jkun il-valur tal-ilma "ex hypothesi" lilhom mogħti f'perijodu futur li ma hux konoxxut. Mela proprjament il-valur hu indeterminat (art. 748 (c) Kap. 15);

Issa, valur indeterminat jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri (art. 748 (1) idem), u kwindi, proprjament, il-kawża ma kienetx "ratione valoris" ta' kompetenza ta' dik il-Qorti. Iżda f'dan l-istadju tal-appell ma tistgħax tiġi sollevata, la "ex officio" u lanqas "ope exceptionis", l-inkompetenza minħabba valur (art. 775 proviso);

Għalhekk jibqa' biss li, ġa ladarba l-valur hu indeterminat, hu ċert li ma hux taħt il-limiti tal-appellabilità, u li għalhekk is-sentenza hi appellabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-atturi, u tiddikjara s-sentenza appellabbli; bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Il-kawża titkompla fil-meritu;